MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 68/2003

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Gatt)
Vs

Joseph Falzon

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) fil-granet bejn id-19.12.97 u 25.12.97 gewwa Swatar limiti tal-Msida b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta, arresta, zamm jew issekwestra lil Rita Falzon kontra l-volonta'

taghha jew ta post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata;
2) talli fl-istess lok, jum hin u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rita Falzon.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'April, 2003, li biha, wara li rat l-artikoli 86, 221 u 28A tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal disgha xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u dan in vista tal-fatt illi l-imputat jiehu hsieb it-tlett itfal tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi takkolji l-odjern appell tal-esponent u konsegwentement ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' : - 1. illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati minhabba s-segwenti konsiderazzjonijiet :- a) ghaliex ghazlet li temmen il-versjoni moghtija mill-kwerelanta (kif kellha kull dritt li taghmel) ; b) ma tat ebda kredibilita' ghall-attendance sheets tax-xoghol prodotti in difesa; u ( c ) ma kienetx konvinta li kien hemm servizz telefoniku fid-dar in kwistjoni ; 2. ghamlet apprezzament ghal kollox zbaljat tal-provi migjuba quddiemha ghax a) qalet li ma ingabetx prova dwar is-servizz telefoniku ; b) insiet li fid-dar konjugali kienu jghixu ukoll ulied l-istess konjugi li ma kienux mizmumin id-dar; c) illi l-kura w kustodja tal-ulied kienu nghataw lill-appellant u mhux lil kwerelanta ; illi l-appellant mhux talli ma gabx l-"attendance sheet" tax-xoghol imma telghet tixhed rapprezentanta fejn kien jahdem li kkonfermat li fil-fatt l-appellant kien attenda ghax-xoghol fil-granet in kwistjoni; (e) illi l-appellant kien dejjem konsistenti fil-versjoni tieghu ; f) illi martu ghall-kuntrarju ma kienetx konsistenti w lanqas kredibbli u g) illi lanqas ma jirrizulta li fil-fatt il-kwerelanta kiernet marret taghmel rapport l-ghassa dak in-nhar li telaqha cioe' dak in-nhar tal-Milied,

Fliet l-atti kollha processwali;

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat l-ordni taghha sabiex dan l-appell jigi rikjamat ghas-sentenza ghall-25 ta' Settembru, 2003 ;

Rat id-Digriet taghha tal-25 ta' Settembru, 2003 li bih l-appell odjern gie dikjarat dezert stante li l-appellant debitament notifikat bid-data l-gdida tal-kawza, imsejjah diversi drabi sal-12.30 p.m. naqas li jidher .

Rat ir-rikors guramentat tal-appellant tas-26 ta' Settembru, 2003 , li bih talab li l-appell jerga jigi riappuntat wara li spjega c-cirkostanzi li wasslu ghall-assenza tieghu .

Rat id-Digriet taghha tal-istess data li bih din il-Qorti laqghet it-talba w irrjappuntat l-appell ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum .

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jimpernja ruhu fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti li semghet ix-xhieda li d-depozizzjoni taghhom jinsabu traskritti fil-process u li konsegwentement din il-Qorti ma kelliex l-opportunita' li tisma x-xhieda hi stess "viva voce" biex tkun f' pozizzjoni ahjar li tivvaluthom.

Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et" [12.5.94] ; "Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et" [6.06.94] u ohrajn .)

"Illi appropositu din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v.

Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Ghalhekk jekk din il-Qorti izda tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti , fuq il-provi li kellha quddiemha , ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura dik tkun raguni valida , jekk mhux addirittura impellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens 'inter alia' "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi [14.2.89]; "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace [31.5.91] u "l-Pulizija vs Anthony Zammit" [31.5.91] u ohrajn lkoll appelli kriminali.)

Issa din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament approfondit tal-provi kollha tal-prosekuzzjoni w tad-difiza, u ghalkemm hu minnu li hemm certu konflitt fil-provi bejn iz-zewg versjonijiet tal-kaz moghtija mill-appellant u minn martu – haga normali fil-maggor parti tal-processi penali - din il-Qorti ma thossx li l-Ewwel Qorti ma setghetx temmen il-versjoni ta' mart l-appellant u tiskarta dik minnu moghtija . Illi anki jekk hemm xi cirkostanzi li dwarhom jista' jkun hemm xi dubju kif jissotommetti l-appellant, l-"overall feel" tal-kaz, fil-fehma ta' din il-Qorti , ma kienx jippreskludi lill-Ewwel Qorti milli tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha .

Illi umbaghad s-sentenza appellata hija ampjament motivata w anki kieku din il-Qorti tista' ma taqbilx ma xi partijiet mill-motivazzjoni , ma thossx li dan ghandu jwassal biex hi tissostiwixxi d-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha fuq l-apprezzament tal-fatti ghal dik tal-Ewwel Qorti, li wara kollox kellha l-vantagg u l-beneficcju li tisma' liz-zewg protagonisti ta' dan il-kaz u tizen lil min l-aktar li ghandha taghti l-aktar kredibilita' w affidabilita' .

L-argumenti tal-appellant biex isostni l-aggravji tieghu dwar il-fatti jinsabu fl-istess sentenza. U anki kieku din il-Qorti kellha tasal biex tghid li hemm uhud li mhux ghal kollox determinanti, kien hemm bizzejjed provi w cirkostanzi li fuqhom l-ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Ghalhekk dwar il-htija ma hemmx lok li din il-Qorti tibdel il-konkluzzjonijiet raggunti mill-Ewwel Qorti;

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti , li fic-cirkostanzi kienet wahda proporzjonata w intiza biex tevita rikorrenza ta' xi incidenti ohra bejn l-appellant u martu w fl-istess waqt taghmilha possibbli ghall-appellant li jibqa' jiehu hsieb uliedu minuri . Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti ghar-rigward tal-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------